MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Numru. 1072/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Antoine Sciberras ta’ 31 sena iben Walter u Maria Dolores nee’ Barbara, imwieled Pieta’ nhar il-11 ta’ Ottubru 1979 u residenti Santa Maria, Hal Farrug, detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 489079(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Antoine Sciberras li permezz taghha huwa gie akkuzat talli gewwa Haz Zabbar f’xi hin bejn is-7:30p.m u id-9:30p.m. ta’ nhar il-25 ta’ Jannar 2007, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ serq minn vettura ta’ l-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta’ registrazzjoni AWD-013, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti

mill-volonta tieghu u li kieku gie esegwiet kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccediex 2329.37 euro, ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Sacha Domenic Pulis u/jew persuni ohra.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fl-imsemmija vettura AWD-013, liema hsara teccedi 1164.69 euro, liema hsara saret ghad-dannu ta'l-imsemmija Sacha Domenic Pulis u/jew persuni ohra.

Talli l-imputat sar recidiv ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Dott. Saviour Demicoli LL.D datata 18 ta' Mejju 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-13 ta' Ottubru 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-porvi mismugha mill-Qorti u fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi kollha

migjuba fil-konfront tieghu, l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni b'mod ewlieni ir-rapport imhejji mill-Probation Officer Marietta Lanzon u x-xhieda moghtija minnha.[1] Jidher illi l-imputat kien qed isewgi programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u kwazi kien temm dana il-programm izda jidher illi fl-ahhar xhur huwa sab xi diffikultajiet u ghalhekk spicca abbanduna dana l-programm. Madanakollu minn ezamijiet li sarulu jirrizulta illi l-imputat mhux qed jabbuza mid-droga u ilu ma jabbuza minn dina is-sustanza ghal zmien twil. Illum huwa qieghed juri interess fit-trobbija ta' ibnu u qed jipprova jsib impieg. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi f'dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva tkun iktar ta' detriment ghall-imputat u anke ghas-socjeta in generali peress illi jekk l-imputat jispicca l-habs huwa jkun tilef il-progress li ghamel sa issa u ghalhekk ikun hemm il-biza li meta johrog mill-habs jerga' jaqa' ghal vizzju tad-droga u ghalhekk ikun hemm il-possibbilita' tar-ripetizzjoni tar-reati li dwarhom huwa jinsab akkuzat.

Illi l-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f'sentenza tat-18 ta' Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs George Farrugia' fejn intqal is-segwenti :-

Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellant hija « irriversibbli » - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal « first offenders » zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna « a window of opportunity » li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979) :

[1] Ara xhieda ta' Marietta Lanzon a fols. 41 u 94 u ir-rapport Dokument ML a fol.43A

***"The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited…As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote"*** (pp. 22,23) U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation :

***'The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character' (p. 236)."***

Illi ghaldaqstant ghalkemm l-imputat huwa recidiv il-Qorti ser tghaddi sabiex tapplika l-provedimenti ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bit-tama illi l-imputat jirriforma hajtu darba ghal dejjem.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 325(1)(a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed tqieghed lil hati taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma jobdix l-ordni imposta fuqu illum jew jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu tat-tlett snin li gejjien.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lil hati ihallas s-somma ta’ €232.94 lil Domenic Sacha Pulis u dana fi zmien sena mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ €833.62 in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

Il-Qorti tordna illi kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------